PARLAMENT EWROPEW 2009 - 2014

*Dokument ta' sessjoni*

8.11.2011 B7-0575/2011

# MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

skont l-Artikolu 120 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar il-miri għall-edukazzjoni tal-Unjoni Ewropea

**Angelika Werthmann, Heinz K. Becker, Evelyn Regner**

**B7-0575/2011**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-miri għall-edukazzjoni tal-Unjoni Ewropea**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni "Il-modernizzazzjoni tal-edukazzjoni għolja fl-Ewropa 2011: Il-finanzjament u d-dimensjoni soċjali",

– wara li kkunsidra l-Artikolu 120 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi bejn l-Istati Membri jeżistu differenzi kbar fis-settur tal-edukazzjoni, peress li dan, minkejja għanijiet strateġiċi komuni, huwa fil-kompetenza tal-istati nazzjonali;

B. billi l-inizjattiva "Tagħlim tul il-ħajja" u l-programm inkorporat magħha jikkontribwixxu konsiderevolment għall-ilħiq tal-miri għall-edukazzjoni tal-istrateġija Ewropa 2020;

1. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, minkejja s-sitwazzjoni ekonomika diffiċli, ma jnaqqsux il-baġit għall-edukazzjoni, iżda jqisuh bħala investiment għall-prevenzjoni kontra kriżijiet futuri; jirrakkomanda, fid-dawl ta' realtajiet ġodda tal-ħajja u tax-xogħol, li jkunu promossi servizzi edukattivi u ta' assistenza matul il-ġurnata kollha;

2. Jindika li uħud mill-Istati Membri għandhom nuqqas ta' għalliema u li jridu jittieħdu miżuri sabiex il-professjoni tal-għalliem issir aktar attraenti;

3. Jindika li aktar minn 70% tal-għalliema huma nisa, iżda l-parteċipazzjoni tagħhom f'pożizzjonijiet ogħla qed tonqos b'mod allarmanti; huwa tal-fehma, li jinħtieġu passi xierqa sabiex titneħħa din id-diskrepanza;

4. Jitlob lill-Kunsill u lill-Kummissjoni jiżguraw, li l-ġenerazzjoni l-ġdida tal-programmi "Tagħlim tul il-ħajja" tikkontribwixxi lejn kwalità, opportunitajiet indaqs u internazzjonalizzazzjoni ta' sistemi ta' edukazzjoni koerenti fil-livelli kollha.